MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Avviz Numru. 356/2007

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Doreen Grixti**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie prezentat fis-27 ta` April, tas-sena 2007 in forza ta` liema talab illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm135.54c, rapprezentanti prezz ta` serizzi rezi in konnessjoni ma` mobile phone numru 99409508.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u ta` l-ittra ufficcjali li ggib in-numru ta` registrazzjoni 7827/2006 u bl-imghax mid-data ta` meta l-ammont kien dovut sa l-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li ghalkemm il-konvenuta kienet giet legalment notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema` x-xhieda ta` l-Avukatessa Dr. Nadia Vella illi bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Ra li l-konvenuta baqghet ma deheretx ghas-seduta ta` llum sabiex tikkontesta t-talba attrici u wisq anqas resqet provi in kontestazzjoni ghal din l-istess talba.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici, konsegwentement ghalhekk jikkundanna lil konvenuta sabiex thallasha s-somma ta` €315.72c (Euros) gia` Lm135.54c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuta u dana kif mitluba fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------